**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' April 2023**

**<u>Rikors nru : 576/2022 AGV</u>**

**SD**

**Vs**

**DD**

Il-Qorti ;

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' **SD** datat 2 ta' Novembru 2022 li jikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti kien iżżewweġ lil DD nhar it-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (3/3/1977) kif inhu indikat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt (2) itfal, li llum huma t-tnejn maġġorenni u għandhom iżjed minn tlieta u għoxrin (23) sena

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mit-tmintax ta' Jannar tas-sena elfejn (18/1/2000), liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B';

4. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur l-ulied tal-partijiet stante li l-ulied huma lkoll maġġorenni u għandhom iktar minn tlieta w għoxrin (23) sena, u wisq anqas m'hemm arretrati dovuti;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn tnejn u għoxrin sena (22) mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B talKodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenti umilment qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16tal-liġijiet ta' Malta; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħoġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan tal-aħħar jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhirlha li hu xierqa u opportun

**Rat li l-intimata ma ghandhiex oggezzjoni** ghat-talba tad-divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 3 ta' Marzu 1977.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**